# Il-Ħadd 02.01.2022

1. Illum 2/01, **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa speċjali li għaliha qed nistiednu lill-familji bi tfal u adoloxxenti u li fiha nilqgħu lis-slaten maġi fostna.

2. Is-Sibt 08/01:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-5:45pm - Quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, u li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-Koppji li żżewġu matul is-sena li għaddiet, 2021.

3. Il-Ħadd 09/01, **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**:
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

4. Avviżi oħra:
   - Il-Każin 'San Pawl' javża li, bħalma għamel dan l-aħħar snin, minflok bgħat kartolini bl-awguri għal dawn iż-żminijiet ta' festi, ta donazzjoni lid-Dar tal-Providenza bħala ġest ta' solidarjetà.
   - Infakkar li ħareġ l-insert tal-parroċċa tagħna għall-Jannar li tistgħu taqrawh online fuq il-website u l-facebookpage tal-parroċċa.
   - Infakkar li matul dawn il-jiem tqassam id-Djarju-Direttorju Parrokkjali għas-sena 2022 flimkien mal-envelopes biex tagħtu l-Istrina tagħkom b'risq il-parroċċa. Min għal xi raġuni ma rċeviehx id-dar, jista' jidħol u jiġbor wieħed mis-sagristija.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 135 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
   - € 155 bħala donazzjoni b'risq il-proġetti ta' manutensjoni u restawr.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**, **illum jgħoddu bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.** Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.

6. Nitolbu għal Francis Zammit li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...